Nru./No. 21,428
Prezz/Price
€0.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Tnejn, 28 ta' April, 2025
Monday, 28th April, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 5765 - 5773
Government Notices ..... *5765 - 5773*

Avviżi tal-Qorti ..... 5774 - 5776
Court Notices ..... *5774 - 5776*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 661

IL-PRESIDENT TA' MALTA TERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETHA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġgħet daħlet għall-qadi tad-drittijiet tal-Kariga tagħha ta' President nhar il-Ħadd, 27 ta' April, 2025.

Dott. Anġlu Farrugia ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

It-28 ta' April, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 661

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Sunday, 27th April, 2025.

Dr Anġlu Farrugia has ceased to perform the function of President.

28th April, 2025

Nru. 662

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tas-27 ta' Lulju, 1973, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'titolu ta' pussess u użu.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-28 ta' April, 2025
(File No. L/0285/1973/VI/125A)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Marsa:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 143 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

Il-biċċa art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot nru '1_2' fuq il-pjanta P.D. 129E/73/3/A/1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

No. 662

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Governor General of the 27th July, 1973, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that its acquisition thereof was to be by title of possession and use.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

28th April, 2025

Description of the Land

The following land in Marsa:

A plot of land measuring about 143 square metres, bounded on the South East and South West by Government property and on the North by property of unknown owners or more precise boundaries.

The above mentioned plot of land is shown delineated with the colour red and marked as plot no. '1_2' on plan P.D. 129E/73/3/A/1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija a bażi tal-Artikolu 44 u 64 tal-Kapitolu 573 huwa ta' mija u tlieta u għoxrin elf, mitejn u tmienja u għoxrin Ewro (€123,228), skont l-istima li saret mill-Perit James Mifsud, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-14 ta' April, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 5767.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art fil-Marsa, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fil-Marsa li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 143 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot nru '1_2' fuq il-pjanta P.D. 129E/73/3/A/1, hija stmata għall-valur ta' mija u tlieta u għoxrin elf, mitejn u tmienja u għoxrin Ewro (€123,228).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-18 ta' Novembru, 2024. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit James Mifsud

L-10 ta' April, 2025

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned plot of land in terms of Article 44 and 64 of Chapter 573 is one hundred and twenty three thousand, two hundred and twenty eight Euros (€123,228), according to the valuation made by Architect James Mifsud, an extract of which is being attached with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

14th April, 2025

This site plan is being published on page 5767.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land in Marsa, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the freehold and unencumbered value of the property mentioned below in Marsa which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 143 square metres, bounded on the South East and South West by Government property and on the North by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red and marked as plot no. '1_2' on plan P.D. 129E/73/3/A/1, is valued for one hundred and twenty three thousand, two hundred and twenty eight Euros (€123,228.


Note: This is an extract of the original report given by me on the 18th November, 2024. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.


(Sgd) Architect James Mifsud

10th April, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only





Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **387884 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 54043** **y = 71080**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5471**	Data: *Date:* **26/03/2025**

Perit:
Architect:

Timbru tal-Perit:
Architect's Stamp:

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri):
Area (square metres): 143m² (CIRCA)

Firma ta' l-Applikant:
Applicant's Signature:

LR 350845

Dritt imhallas
Fee Paid

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Nru. 663

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tat-23 ta' Ottubru, 1973, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'titolu ta' pussess u użu.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-28 ta' April, 2025

(File No. L/589/1972/V/19)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Belt Valletta:

Ħanut nru. 196, Triq Irjali,
Ħanut nru. 197 A u kantina nru. 197BB, Triq Irjali,
Garaxx nru. 197C, Triq Irjali,
Mezzanin nru. 197D, Triq Irjali

Il-fondi hawn fuq imsemmija jidhru murija fuq il-pjanta L.D 135/73, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-dikjarazzjoni qiegħda tiġi maħruġa għall-fini tal-Artikolu 68 u 69 tal-Kap. 573 bil-mod imfisser fl-Artikolu 68 (3) tal-Kap. 573 ossia skont l-Artikolu 38 tal-istess Kap. 573 u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 52, 53, 54 u 55 tal-Kap. 573 japplikaw għall-istess.

No. 663

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Governor General of the 23rd October, 1973, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that its acquisition thereof was to be by title of possession and use.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

28th April, 2025

Description of the Land

The following land in Valletta:

Shop no. 196, Triq Irjali,
Shop no. 197 A and basement no. 197BB, Triq Irjali,
Garage no. 197C, Triq Irjali,
Mezzanine no. 197D, Triq Irjali

The above mentioned premises are shown on plan L.D 135/73, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 68 and 69 of Cap. 573 in the way explained in Article 68 (3) of Cap. 573 or according to Article 38 of the same Cap. 573 and the provisions of Articles 52, 53, 54 and 55 of Cap. 573 apply for the same.

Il-kumpens offrut għall-proprjetà hawn fuq imsemmija a bażi tal-Artikolu 68 u 69 tal-Kapitolu 573 huwa kif ġej:

Ħanut nru. 196, fi Triq Irjali, huwa stmat għall-valur ta' tmint elef, mija u tmienja u erbgħin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€8,148.38);

Ħanut nru. 197 A u kantina nru. 197BB, fi Triq Irjali, huma stmati għall-valur ta' tmint elef, mija u tmienja u erbgħin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€8,148.38);

Garaxx nru. 197C, fi Triq Irjali, huwa stmat għall-valur ta' erbat elef, tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u tliet ċenteżmi (€4,889.03);

Mezzanin nru. 197D, fi Triq Irjali, huwa stmat għall-valur ta' ħdax-il elf, erba' mija u seba' Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€11,407.73)

Skont l-istima tal-Perit Stefan Scotto, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-14 ta' April, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 5771.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' fondi, fi Triq Irjali fil-Belt Valletta, meħtieġ għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta'

The compensation offered for the above mentioned property in terms of Article 68 and 69 of Chapter 573 is as follows:

Shop no. 196, in Triq Irjali, is valued for eight thousand, one hundred and forty eight Euros and thirty eight cents (€8,148.38);

Shop no. 197 A and basement no. 197BB, in Triq Irjali, are valued for eight thousand, one hundred and forty eight Euros and thirty eight cents (€8,148.38);

Garage no. 197C, in Triq Irjali, is valued for four thousand, eight hundred and eighty nine Euros and three cents (€4,889.03);

Mezzanine no. 197D, in Triq Irjali, is valued for eleven thousand, four hundred and seven Euros and seventy three cents (€11,407.73)

According to the valuation of Architect Stefan Scotto, an extract of which is being attached with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

14th April, 2025

This site plan is being published on page 5771.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of premises, at Triq Irjali, in Valletta, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of

Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetajiet hawn taħt deskritti fi Triq Irjali, fil-Belt Valletta li huma meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Ħanut nru. 196, Triq Irjali, Ħanut nru. 197A u kantina nru. 197BB, Triq Irjali, Garaxx nru. 197C, Triq Irjali u Mezzanin nru. 197D, Triq Irjali, jidhru murija fuq il-pjanta L.D. 135/73. Il-Kumpens offrut għall-proprjetà hawn fuq imsemmija abbażi tal-Artikoli 68 u 69 tal-Kapitolu 573 u LGS7 tal-Awtorità tal-Artijiet huwa kif ġej:

Ħanut nru. 196, fi Triq Irjali, huwa stmat għall-valur ta' tmint elef, mija u tmienja u erbgħin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€8,148.38);

Ħanut nru. 197 A u kantina nru. 197BB, fi Triq Irjali, huma stmati għall-valur ta' tmint elef, mija u tmienja u erbgħin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€8,148.38);

Garaxx nru. 197C, fi Triq Irjali, huwa stmat għall-valur ta' erbat elef, tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u tliet ċenteżmi (€4,889.03);

Mezzanin nru. 197D, fi Triq Irjali, huwa stmat għall-valur ta' ħdax-il elf, erba' mija u seba' Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€11,407.73)

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fil-11 ta' Marzu, 2025. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Stefan Scotto, A&CE

L-10 ta' April, 2025

Malta, I am determining the freehold and unencumbered value of the properties mentioned below at Triq Irjali in Valletta which are required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

Shop no. 196, Triq Irjali, Shop no. 197A and basement no. 197BB, Triq Irjali, Garage no. 197C, Triq Irjali and Mezzanine no. 197D, Triq Irjali, are shown on plan L.D. 135/73. The compensation offered for the above mentioned properties in terms of Article 68 and 69 of Chapter 573 and LGS7 of the Lands authority is as follows:

Shop no. 196, in Triq Irjali, is valued for eight thousand, one hundred and forty eight Euros and thirty eight cents (€8,148.38);

Shop no. 197 A and basement no. 197BB, in Triq Irjali, are valued for eight thousand, one hundred and forty eight Euros and thirty eight cents (€8,148.38);

Garage no. 197C, in Triq Irjali, is valued for four thousand, eight hundred and eighty nine Euros and three cents (€4,889.03);

Mezzanine no. 197D, in Triq Irjali, is valued for eleven thousand, four hundred and seven Euros and seventy three cents (€11,407.73)

Note: This is an extract of the original report given by me on the 11th March, 2025. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.


(Sgd) Architect Stefan Scotto, A&CE

10th April, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only


PREMISES FROM 196 TO 197D FROM TRIQ IR-REPUBBLIKA
(PLEASE SEE L.D. No. 135/73 ATTACHED)



Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **388097 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 56415** **y = 73264**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5673**	Data: *Date:* **27/03/2025**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):*

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350850

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 664

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-21 ta' Mejju, 1993, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'titolu ta' dominju pubbliku.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-28 ta' April, 2025
(File No. L/285/1973/VI/109)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Marsa:

Il-fond numru 88 fi Triq San Pawl, il-Marsa

Il-fond hawn fuq imsemmi jidher muri delinjata bil-kulur ikħal u mmarkat bin-numru 88 fuq il-pjanta L.D. 129E/73, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini tal-Artikolu 68 tal-Kapitolu 573 bil-mod imfisser fl-Artikolu 68 (3) tal-Kapitolu 573 ossia skont l-Artikolu 38 tal-istess Kapitolu 573 u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 52, 53, 54 u 55 tal-Kapitolu 573 japplikaw għall-istess.

Skont deċiżjoni tal-Qorti fil-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet (Rikors Nru. 34/19 datata 25 ta' Frar, 2025), il-kumpens offrut għall-fond hawn fuq imsemmi, li llum jinsab demolit u jifforma parti mit-triq, huwa ta' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€135,000).

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-11 ta' Marzu, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 5773.

No. 664

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 21st May, 1993, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by title of public tenure.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

28th April, 2025

Description of the Land

The following land in Marsa:

Premises number 88 in Triq San Pawl, Marsa

The above mentioned premises is shown delineated with the colour blue and marked with the number 88 on plan L.D. 129E/73, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 68 of Chapter 573 in the way explained in Article 68 (3) of Chapter 573 or according to Article 38 of the same Chapter 573 and the provisions of Articles 52, 53, 54 and 55 of Chapter 573 apply for the same.

According to a Court decision in the Land Arbitration Board (Decree No. 34/19 dated 25th February, 2025), the compensation offered for the above mentioned premises, which today is demolished and forms part of the road, is of one hundred and thirty five thousand Euros (€135,000).

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority


11th March, 2025

This site plan is being published on page 5773.

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only


A FULL OWNERSHIP
B OWNERSHIP FROM FIRST FLOOR AND ABOVE.
C STAIRS FROM GROUND FLOOR TO 1ST. FLOOR LEVEL, UNDERNEATH 3RD PART. PROPERTY.



Scale 1:100

0 2 4 6 8 10m

NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **388990 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 54007 y = 71099**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5471**	Data: *Date:* **04/04/2025**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* A :- 49.5m² (circa)
B :- 3.3m² ''
C :- 28.3m² ''

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350865

Dritt imħallas *Fee Paid*

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1051

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' April, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront tal-intimati Daniel Privitera (282396M), Sea Pebbles Properties Limited (C77777) u Clayton Caruana (339785M).

Permezz ta' Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-15 ta' April, 2025, fl-ismijiet Carmel Schembri (858451M) et vs Daniel Privitera (282396M). Ir-rikorent talab illi l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, kif ukoll milli jgħabbi b'piżijiet is-segwenti proprjetà;

1. Il-penthouse internament immarkata '4', fir-raba' sular, bl-arja inkluża;

2. L-appartament internament immarkat bin-numru '1', mingħajr l-arja libera tiegħu, sitwat fit-tieni sular u ċoè first floor level;

3. L-appartament internament immarkat bin-numru '2', mingħajr l-arja libera tiegħu, sitwat fit-tielet sular u ċoè second floor level;

4. L-appartament internament imarkat bin-numru '3', mingħajr l-arja libera tiegħu, sitwat fir-raba' sular u ċoè third floor level;

5. Il-ħanut, mingħajr l-arja libera tiegħu, sitwat fl-ewwel sular, u ċoè groundfloor level;

6. Il-basement level, u ċoè garaxx fil-livell minus one (-1), mingħajr l-arja libera tiegħu, iżda bis-sottoswol tiegħu;

7. Kollha formanti parti mill-blokka bl-isem 'Mirage Court' bin-numru uffiċjali '276', Triq Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq

Illi dan il-mandat għandu jiġi milqugħ provviżorjament.

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Krettu: €750,000 – seba' mija u ħamsin elf ewro

By a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th April, 2025, the publication of the extract appearing below was ordered for the purposes of notification in accordance with Article 187(3) et sequitur of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12) against the respondents Daniel Privitera (282396M), Sea Pebbles Properties Limited (C77777) and Clayton Caruana (339785M).

By means of an Application for the issuance of a Mandate of Inhibition filed in the First Hall of the Civil Court, on the 15th April, 2025, in the names Carmel Schembri (858451M) et vs Daniel Privitera (282396M). The applicant requested that the Honourable Court order the issuance of an injunction against the respondent to restrain him from selling, transferring or disposing inter vivos whether by onerous or gratuitous title, as well as from encumbering the following property;

1. The penthouse internally marked '4', on the fourth floor, with the air included;

2. The apartment internally marked with the number '1', without its free air, situated on the second floor and i.e. first floor level;

3. The apartment internally marked with the number '2', without its free air, situated on the third floor and i.e. second floor level;

4. The apartment internally marked with the number '3', without its free air, situated on the fourth floor and i.e. third floor level;

5. The shop, without its free air, situated on the first floor, i.e. groundfloor level;

6. The basement level, i.e. garage at minus one (-1) level, without its free air, but with its subsoil;

7. All forming part of the block named 'Mirage Court' with the official number '276', Triq Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq

That this warrant should be provisionally upheld.

That the applicant shall be prejudiced if the respondent company is not inhibited as stated.

Thus, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondent society.

Amount due: €750,000 – seven hundred fifty thousand euro

Il-mandat ta' inibizzjoni numru 486/2025ISB jinsab differit għat-28 ta' April, 2025, fl-10.15 a.m.

Notifika Intimat: Daniel Privitera (282396M), 192, St Joseph, Triq l-Imsida, Birkirkara

Esekuzzjoni: Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Artijiet, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Imħallef: L-Onor. Ian Spiteri Bailey, LLM, LLD

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-15 ta' April, 2025,

Ġie akkreditat fit-22 ta' April, 2025,

Rat l-artikolu 875(2).

Tordna n-notifika tal-istess lill-intimati li jkollhom għaxart ijiem mil-lum biex iressqu r-risposta, bin-notifika, anke b'mezz elettroniku, lir-rikorrenti jew lid-difensur tagħhom;

Reġistru tal-Qorti Ċivili, illum 25 ta' April, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The warrant of prohibitory injunction number 486/2025ISB is postponed for hearing to the 28th of April, 2025, at 10.15 a.m.

Notify respondent: Daniel Privitera (282396M), 192, St Joseph, Triq l-Imsida, Birkirkara

Execution: Public Registry, Valletta

Land Registrar, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Judge: The Hon. Ian Spiteri Bailey, LLM, LLD

The Court,

Having seen the application of 15th April, 2025

It was accredited on April 22, 2025,

Having seen article 875(2).

Orders the notification of the same to the respondents who have ten days from today to file the response, with notification, even by electronic means, to the claimants or their defender;

Registry of the Civil Court, today 25th April, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1052

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Marzu, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors numru 547/2024AL fl-ismijiet Edmea Grech vs Yassine Khazri Grech, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Yassine Khazri Grech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Edmea Grech (KI 24700L) vs Yassine Khazri Grech (KI 0112292A) fl-atti tar-rikors numru 547/2024AL, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Ottubru, 2024, ir-rikorrenti Edmea Khazri Grech (KI 24700L) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fit-8 ta' Mejju, 2019, bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

By means of a decree of the 13th March, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Edmea Grech vs Yassine Khazri Grech, Application Number 547/2024AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Yassine Khazri Grech in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the application number 547/2024AL in the names Edmea Grech (ID 24700L) vs Yassine Khazri Grech (ID 0112292A) filed in the Civil Court (Family Section), on the 30th October, 2024, the applicant Edmea Khazri Grech (ID 24700L) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of marriage held on the 8th May, 2019, between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the dissolution of marriage so that this is registered in the Public Registy.

Il-kawża fl-ismijiet Edmea Grech vs Yassine Khazsri Grech (rikors numru 547/2024AL) hija differita għad-29 ta' Mejju, 2025, fid-9.15 a.m.

Rikorrenti: Ġnien ta' San Franġisk, Triq Wied Xkora, Is-Siġġiewi
Intimat: 140, Triq il-Virni, Ir-Rabat

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The application in the names Edmea Grech vs Yassine Khazri Grech, application number 547/2024AL, has been postponed for hearing to the 29th May, 2025, at 9.15 a.m.

Applicant: Gnien ta' San Frangisk, Triq Wied Xkora, Siġġiewi
Respondent: 140, Triq il-Virni, Rabat

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1053

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' April, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 596/2024JPG fl-ismijiet Charlie D'Amato vs Elizabeth sive Isabelle D'Amato, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Elizabeth sive Isabelle D'Amato a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Charlie D'Amato (KI 0483979M) vs Elizabeth sive Isabelle D'Amato (KI 129080M) fl-atti tar-rikors numru 596/2024JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Novembru, 2024, ir-rikorrenti Charlie D'Amato talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-kawża fl-ismijiet Charlie D'Amato vs Elizabeth sive Isabelle D'Amato (Rikors numru 596/2024JPG) hija differita għat-12 ta' Mejju, 2025, fis-12.45 p.m.

Rikorrenti: Miral Court, Block B, Mais 3, Triq il-Brunzar, Santa Venera

Intimata: Bella's Place, Triq Dun Nerik Mahoney, Il-Qrendi

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 16th April, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Charlie D'Amato vs Elizabeth sive Isabelle D'Amato, Application Number 596/2024JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Elizabeth sive Isabelle D'Amato in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the application Number 596/2024JPG in the names Charlie D'Amato (ID 0482979M) vs Elizabeth sive Isabelle D'Amato (ID 129080M) filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th November, 2024, the applicant Charlie D'Amato requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of marriage between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the divorce so that this is registered in the Public Registy.

The application in the names Charlie D'Amato vs Elizabeth sive Isabelle D'Amato, Application Number 596/2024JPG has been postponed for hearing to the 12th May, 2025, at 12.45 p.m.

Applicant: Miral Court, Block B, Mais 3, Triq il-Brunzar, Santa Venera

Respondent: Bella's Place, Triq Dun Nerik Mahoney, Qrendi

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Supporting responsible forestry
FSC® C140603